MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-4 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1157/2003

Citazz. Nru: 1157/03FS

Bromford Iron and Steel Company (Med) Limited
vs
Penza Construction Limited

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet illi peress illi s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta` konvenuta;

Peress li fuq dan il-bejgh fadal bilanc pendenti dovut lis-socjeta` attrici ta' sitt elef mitejn u hames Liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm6205.18) li s-socjeta` konvenuta ghadha ma hallsitx;

Peress li ghalkemm interpellata biex thallas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Peress li dan id-debitu tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta` attrici ikkonfermat fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni, u fil-fehma tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta m' ghandhiex eccezzjonijiet x' taghti;

Talbet lill-Qorti:

Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' LM6205.18;

Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Art 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

**KONKLUZJONIJIET:**

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni.

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni, u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' LM6205.18 bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------